IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru62 (wieħed u sittin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 24 ta' Mejju, 2018, fis-6pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

62.1. Item Nru 62.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

62.1 Il-Laqgħa bdiet fil-6.02pm u kien kulħadd preżenti.

62.2 Item Nru 62.2 fuq l-Aġenda – Qari u approvazzjoni tal-minuti

62.2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

62.3 Item Nru 62.3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku

62.3.1 SSTP – Is-Sur Valvo qal li kellna ffissata laqgħa mal-uffiċjali tal-SSTP pero inqala każ ta' sptar lis-sindku, u din il-laqgħa kellha titħassar. Għalissa għada ma ġietx fissa data oħra.

IX-XGĦAJRA

62.3.2 Recreational centre – Is-Sur Valvo qal li saru l-kuntratti tal-Madum kif ukoll tas-sollijiet u *fire doors.* Issa imiss li niċċertifikaw id-dawl u l-ilma li hemm diġa installat u jibda ix-xogħol. Il-perit Buhagiar ġie fuq il-post u issuġġerixxa li quddiem il-faċċata tal-*Hall* isir parapett biex jiddividi il-*hall* minn mal-basket ball court / skart park.

Lil Perit Buhagiar erġajna fakkarnih dwar il-BOQs tar-rampa sabiex issir mil-aktar fis ħalli tintbgħat lil Transport Malta.

62.3.3 *Jogging Track* - Is-Sur Valvo qal li l-Kunsill qabbad lil Perit Rene Cutajar sabiex jaħdem fuq dan il-proġett u is-Segretarju ippreżenta pjanti bl-ewwel proposta. Din il-*jogging track* hi maħsuba li tiġi twila 500m. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta. Il-pass li jmiss huwa li tintbgħat lis-Sur Conrad Busuttil minn Sports Malta għal evalwazzjoni u konsegwentement napplikaw għal permessi mal-*Lands Authority* kif ukoll mal-*Planning Authority.*

62.3.4 Gal xlokk – Is-Sindku qal li dwar il-proposta tal-Gal Xlokk, ksibna l-approvazzjoni kemm mil-*Planning Authority* kif ukoll mil-*Lands Authority*. Issa il-perit Robert Buhagiar qed jipprepara il-BOQs ħalli ngħaddu l-proposta lil GAL Xlokk.

62.3.5 EU funds ħitan tas-sejjiegħ - Is-Sur Valvo qal li din l-applikazzjoni għada ma ġietx evalwata.

Dwar fondi tal-UE is-Sindku qal li konna applikajna biex nagħmlu xogħol ta' restawr fuq il-Batterija Delle Grazie pero irċevejna li din ma ġietx aċċettata minħabba li ix-xogħol ser idum aktar minn sitt xhur biex jitlesta. Dan minkejja li fuq l-applikazzjoni ma kienx hemm indikat kemm ser idum ix-xogħol.

62.3.6 ATM Bov – Is-Sindku qal li erġajna tkellimna mal-BOV biex nipproponu li ssir ATM ġewwa x-Xgħajra u dawn qalulna li ser jikkunsidraw il-proposta tal-Kunsill.

62.3.7 Evaluation Board – Street Sweeping Tender – Is-Sindku qal li it-tender tal-Knis għalqet u jeħtieġ li naħtru tlett persuni mil-Kunsill sabiex issir l-Evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament li il-Membri ikunu is-Sur Joseph Azzopardi, is-Sur Neil Attard u is-Sinjura Antonia Buttiġieġ imbgħad is-Sur Anthony Valvo ikun bħala iċ-Ċermen u is-Sur Ranier Busuttil bħala s-Segretarju Eżekuttiv.

62.3.8 Laqgħa Annwali – Is-Sindku qal li minħabba ir-raġunijiet ta' saħħa li inqalgħu il-laqgħa Annwali kellha titmexxa għal aktar il-quddiem. Il-Kunsill qabel unanimament li issir nhar il-21 ta' Ġunju fis-6pm.

62.3.9 Manutenzjoni madwar ix-Xgħajra – Is-Sindku qal li għadu kemm ġew iffriskat is-sinjali tat-toroq kollha mil-ħaddiema assenjati kif ukoll tabelli ġodda.

Sar xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix madwar ix-Xgħajra.

Saret ukoll manutenzjoni generali fuq il-latrina u iċ-ċint ta' madwar Gnien ix-Xatt.

Twaħħlu parati ġodda fis-Slip way ta' fejn il-Milord.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21696269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

62.4. Item Nru. 62.4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

62.4.1 Is-Sa Buttiġieġ staqsiet fuq il-possibilta li max-Xatt ikun hemm żona għal parkeġġ residenzjali. Dan minħabba li qed ikun hemm problema kbira ta' parkeġġ. Is-Sindku qal li ser inkellmu lil TM biex naraw x' possibiltajiet hemm.

62.4.2 Is-Sinjura Buttiġieg staqsiet fuq il-possibilta li isir ċint fi Sqaq Ras il-Ġebel minħabba li hemm periklu. Is-Sindku qal li huwa ċint privat u bħala Kunsill tkellimna mas-Sid biex itellgħu. Is-Sid wieġeb fin-negattiv u bħala Kunsill waħħalna tabella li tindika li hemm periklu. Saret diskussjoni u ġie deċiż li jitilgħu tlett filati oħra sabiex inwaqqfu dan il-periklu.

62.4.3 Is-Sinjura Buttigieg staqsiet fuq il-Belishia lights u meta ser isiru. Is-Segretaju Ezekuttiv qal li din għalkemm ġiet approvata minn TM qed nistennew stima sabiex naraw kemm ser tiswa.

62.4.4 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet fuq jekk tkellimniex mal-għaqdiet tax-Xgħajra u is-Segretarju qallha li qed jistenna programm minn l-iscouts group u mil-Knisja tax-Xgħajra u ser ikellem lis-Surmast tal-Iskola primarja.

62.4.5 Is-Sinjura Borg staqsiet fuq in-newsletter. Is-Segretarju qallha li għadu qed jistenna li jkollu l-artiklu tal-Kunsilliera kollha.

62.4.6 Is-Sinjura Borg qalet li qed ikollna problema ta' ħmieġ taż-żwiemel u staqsiet jekk nistgħux nagħmlu xi ħaġa dwarha. Is-Sindku qal li ser jitlob laqgħa mal-ispettur sabiex naraw kif nistgħu nittekiljaw din il-problema kif ukoll problemi oħra fix-Xgħajra.

62.4.7 Is-Sur Neil Attard staqsa fuq talba ta' *Un/loading bay* quddiem il-ħanut Corner Store fi Triq it-Torri t' Alof De Wignacourt. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li ssir din l-*un/loading bay*pero irridu bħal dejjem ngħaddu din it-talba lil TM għal approvazzjoni tagħhom.

62.5. Item Nru 62.5 fuq l-Aġenda – Rapporti

62.5.1 Is-Segretarju ippreżenta ir-reply għal management letter u ġiet approvata unanimament.

62.6. Item Nru. 62.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

62.6.1 Il-Kunsill irċieva proposta ta' kollezzjoni ta' ħwejjeġ bieb bieb li ssir darba fix-xahar mingħand Malta *Textil Recycling*. Għal din il-kollezzjoni ma jkun involut fi spejjeż u dawn il-ħwejjeġ ser imorru għal nies inqas ixxurtjati f'Malta kif ukoll fl-Afrika. Il-Kunsill qabel unanimament fuq din l-inizzjattiva u tinġieb informazzjoni għal-laqgħa li jmiss.

62.6.2 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Street Hawker sabiex jibda jarma bit-take away f' Dawret ix-Xatt lejn in-naħa ta' Smart City. Is-Sindku informa lil Kunsilliera li kif inhi il-liġi la għandhom il-

permessi meħtieġa ta' Street Hawker dan jista jarma basta li jkun bogħod ta' 50m minn restaurants jew bars oħra.

62.6.3 Il-Kunsill qabel li nhar it-8 ta' Lulju niċċelebraw Jum ix-Xgħajra fejn fiha nagħmlu il-quddiesa ta' ringrazzjament, il-bibita kif ukoll dis-sena issir *Car show* filgħodu lejn in-naħa tal-Milord. Il-Kunsill qabel ukoll fuq budget ta' €800 sabiex tittella' serata ta' spettaklu bit-tema ta' Lapsi fix-Xgħajra u din issir nhar is-7 ta' Lulju.

Il-Kunsill kellu talba ta' Motorcycle show għal nhar l-20 ta' Lulju. U kulħadd qabel li din issir max-Xatt lejn in-naħa tal-Joe Joes Bar.

Għalhekk fuq dawn l-attivitajiet ukoll il-Kunsill ser ikellem lill-Pulizija dwar il-permessi meħtieġa.

62.7. Item Nru. 62.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

62.7.1 Pagamenti b'numru 68 ġew approvati b'astenzjoni waħda.

62.8. Item Nru. 62.8 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet

62.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

62.9 Item Nru. 62.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

62.9 Il-laqgħa ntemmet fit-7.42pm

Aġġornament għal-nhar it-Tnejn 18 ta' Ġunju, 2018 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ________________________ | ________________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |